# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2001**

**Numru 57**

**Citaz. numru 59/88 DS**

Avukat Dottor Keith Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza ta' Forestals (Appliances) Ltd.
vs
Nicholas Formosa bhala direttur ghan-nom u in rapprezentamza ta' Formosa Builders Limited

Illum, 15 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Jannar 1988 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut nomine fit-23 ta' Frar 1986 u fl-4 ta' April 1986, xtara minghand is-socjeta' attrici ammont ta' merci li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' elf u sitt mija u ghaxar liri Maltin (Lm1610.00) – Dok. A sa C.

Illi minn din is-somma komplessiva il-konvenut nomine hallas biss is-somma ta' sitt mija u seba' u tletin lira Maltija (Lm637.00) u ghalhekk ghadu debitur lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' disa' mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm973.00).

Illi l-konvenut huwa debitur wkoll ghas-somma ta' seba' u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm27.60) liema somma hija dovuta ghall-maintenance service maghmul mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut nomine stess – Dok. D.

Illi ghaldaqstant il-konvenut nomine huwa debitur lejn is-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' elf lira Maltija u sittin centezmu (Lm1000.60) liema somma hija dovuta in kwantu ghal disa' mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm973.00) bhala bilanc ta' prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati u in kwantu ghal sebgha u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm27.60) dovuta bhala prezz ta' maintenance service.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan id-debitu, pero' baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi;

1. tikkundanna l-konvenut nomine jhallas is-socjeta’ attrici is-somma komplessiva ta’ elf lira Maltija u sittin centezmu (Lm1000.60) liema somma hija dovuta in kwantu ghal Lm973.00 bhala bilanc ta’ prezz ta’ merci minjugha u kkonsenjati u in kwantu ghal Lm27.60 dovuta bhala prezz ta’ maintenance service.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-1 ta’ Mejju 1987 fuq il-merci mibjugha u mid-data tat-13 ta’ Gunju 1986 fuq il-maintenance service kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija ghal kollox intempestiva, ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine, stante li l-oggetti mixtrija minghand is-socjeta’ attrici ma humiex qed jiffunzjonaw sew, kif di piu dan huwa gia a konnoxxenza tal-attur nomine, tant li l-attur nomine gia gie informat dwar dan, u l-istess konvenut nomine minhabba tali malfunzjonament tal-freezers u fridges, sofra danni konsiderevoli, u ghall dan l-iskop qed kontestwalment jipprezenta kontro-talba ghad-danni minnhu hekk sofferti.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma insostenibbli stante li l-unika talba prezentata fic-citazzjoni tikkoncerna zewgt premessi ben distinti u separati minn xulxin.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn, wara li ppremetta:

Illi l-konvenut nomine fit-23 ta' Frar 1986 u fl-4 ta' April 1986, xtara minghand is-socjeta' attrici, kwantita ta' freezers u fridges, verso l-prezz u l-pattijiet miftehma bejn il-partijiet.

Illi irrizulta li l-istess freezers u fridges ikkonsenjati mill-attur nomine lill-konvenut nomine ma humiex jiffunzjonaw sew.

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici giet interpellata sabiex tirrimedja u tirranga l-istess freezers u fridges, b'tali mod li dawn jibdew jiffunzjonaw sew, l-istess socjeta' attrici baqghet inadempjenti.

Illi kawza ta' l-istess malfunzjonament tal-imsemmija freezers u fridges, ikkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut nomine, l-istess konvenuti nomine sofrew danni ingenti u konsiderevoli kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalkemm is-socjeta attrici giet interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnha kkagunati lill-konvenut nomine, l-istess socjeta attrici baqghet inadempjenti.

talab lil din il-Qorti, minhabba r-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara lis-socjeta' attrici "Forestalls (Appliances) Limited, responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut nomine,

stante li l-istess danni gew ikkawzati minhabba li l-freezers u fridges ikkonsenjati mill-istess socjeta attrici lis-socjeta' konvenuta ma kienux jiffunzjonaw sew.

2. tillikwida id-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta minhabba il-malfunzjonament ta' l-istess freezers u fridges ikkonsenjati lill-konvenut nomine mis-socjeta attrici, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. U finalment tikkundanna lill-istess socjeta' attrici li thallas lill-konvenut nomine dik is-somma hekk likwidata permezz tat-tieni domanda ta' din il-kontro-talba rappresentanti l-istess somma l-ammont ta' danni sofferti mill-konvenut nomine kawza tal-malfunzjonament tal-freezers u fridges ikkonsenjati lilhu mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, kontra l-attur nomine li huwa personalment ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi t-talbiet tal-konvenut nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici kkonsenjat freezers u fridges li jiffunzjonaw sew.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-11 ta' April 1988 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Schembri bhala perit legali biex ifittex u jirrelata wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza ta' l-Inginier Frank Charles;

Rat id-digriet tal-15 ta' Gunju 1989 fejn, wara talba ta' l-imsemmi Dr. Joseph Schembri, gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Christian Farrugia;

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 1993 fejn gie nominat Arthur Walker bhala perit tekniku;

Rat id-digriet tat-23 ta' Awissu 1994 fejn gie revokat l-inkarigu moghti lill-perit tekniku, b'rizerva li jekk tinqala' l-htiega jitqabbad espert tekniku iehor minfloku, u ghalhekk il-perit legali gie awtorizzat jespleta l-inkarigu hu;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnu mahlufa fit-3 ta' Ottubru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda bilanc ta' prezz fl-ammont ta' Lm973 ghal ingenji elettrici minjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta u s-somma ta' Lm27.60 ghal servizz ta' manutenzjoni li

nghata mill-istess socjeta` attrici rigward wiehed minn dawn l-ingenji. Mill-banda l-ohra s-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta thallas is-somma pretiza mis-socjeta` attrici ghax tirritjeni li *fridge/freezer* kbir prodott lokalment ma kienx jiffunzjona tajjeb u b'rizultat ta' hekk sofriet danni konsistenti f'ikel li kellu jigi distrutt; fil-kontro-talba taghha s-socjeta` konvenuta qed titlob il-likwidazzjoni u hlas tad-danni relattivi.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali ghamel konsiderazzjonijiet separati rigward it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' Lm973, it-talba tas-socjeta` attrici rigward il-hlas tas-somma ta' Lm27.60 ghas-servizz ta' manutenzjoni, u l-kontro-talba ghad-danni tas-socjeta` konvenuta u l-Qorti se tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet tieghu:

Dwar it-talba ghall-hlas tal-bilanc ta' Lm 973:

"Illi irrizulta mill-provi li l-kontendenti kienu ftehmu fuq il-bejgh ta' apparat konsistenti fi fridges u fridge-freezers permezz tat-tlett skritturi fuq imsemmija.

L-ewwel skrittura datata 3 ta' Frar 1986, kopja ta' liema hija esibita a fol 5 tal-process, tirrigwarda l-bejgh ta' Upright Glass Display Freezer Unit wiehed Model VFP-30 bil-prezz ta' Lm455.  Dwar dan il-unit m'hemmx kontestazzjoni.

It-tieni skrittura ukoll datata 23 ta' Frar 1986, esibita a fol 6 tal-process, tirrigwarda il-bejgh ta' Upright Glass Display Freezer Unit iehor tal-mudell VFP-30 bil-prezz ta' Lm455.  Dwar dan il-unit ukoll ma hemmx kontestazzjoni.

It-tielet skrittura datata 4 ta' April 1986, esibita a fol 7 tal-process, tirreferi ghall-bejgh ta' "one locally manufactured 4 door Upright Fridge, half fridge 2 doors, half freezer 2 door" bid-dimenzjonijiet indikati fuq l-istess skrittura u bil-prezz ta' Lm700. Huwa in konnessjoni mal-bejgh ta' dan il-fridge li tezisti kontestazzjoni bejn il-partijiet u li ghalhekk dwaru l-esponent ser jillimita l-konsiderazzjonijiet tieghu.

Illi galadarba l-bejgh ta' dan il-mudell partikolari sar permezz ta' skrittura ffirmata miz-zewg partijiet u stante li m'hemm l-ebda oggezzjoni minn-naha tas-socjeta' konvenuta dwar l-integrita' tal-ftehim, l-esponent jrid jezamina d-disposizzjonijiet tal-istess bil-ghan li jirrinkwadra l-kontestazzjoni mertu tal-kawza fl-ambitu tar-relazzjoni kuntrattwali mahluqa bl-iskrittura.

Illi dana l-ezercizzju jista, fis-sottomissjoni tal-esponent, jiftah it-triq ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna billi hija l-iskrittura, kif liberament accettata miz-zewg partijiet fil-mument tal-konkluzzjoni taghha, li primarjament ghandha tirregola r-relazzjonijiet bejniethom u titfa dawl fuq dak li originarjament kien gie espress u miftieghem.

Illi l-esponent ser jipproduci verbatim ftit mid-disposizzjonijiet l-aktar relevanti li jinsabu fl-iskrittura tal-4 ta' April 1986:

**a.** **2.** **"Set Off – a customer shall not be entitled to withhold payment of any amount payable under this contract to the seller because of a disputed claim of any nature nor shall the customer be entitled to set off against any amount payable under the contract to the seller any monies which are not then presently payable by the seller or for which the seller disputes liability.**

**b.** **3. It is being understood that until the whole amounts covenanted under clause (2) are fully paid, the said goods shall remain the exclusive property of the seller and the Buyer undertakes (a) to take good care of the goods (b) to use the goods in askillful manner, (c) to indemnify the Seller for any damage caused to the goods, (d) not to remove the goods from the premises at ….(e) not to dispose of the goods in any way whatsoever…**

**c.** **5. Interest at the rate of eight per cent per annum (8%) on a declining scale will be charged.**

**d.** **8. It is agreed and understood that the guarantee given by the Seller on refrigeration equipment refers solely to the repair and replacement of defective parts in accordance with the relative specific guarantee and that in no case shall the Seller be liable whether under the said guarantee or otherwise for any consequential losses suffered by the Buyer arising from any defect whatsoever in the said item of Refrigeration equipment."**

Illi jirrizulta mill-provi li s-socjeta konvenuta kienet accettat li tidhol ghal dawn il-kondizzjonijiet pjuttost oneruzi imposti fuqha mis-socjeta attrici fil-ftehim ta' bejgh relattiv. Dan il-ftehim huwa wiehed redatt f'termini "standard", termini li huma generalment intizi biex jaghtu protezzjoni wiesgha lill-bejjiegh meta, bhal fil-kaz odjern, il-prezz tal-prodott mibjugh ma jkunx imhallas fl-intier tieghu fil-mument tal-konsenja. Ir-"raison d'etre" ta' ftehim ta' din ix-xorta, huwa sabiex jigi evitat li xerrej ta' prodott li jkun ghadu ma hallasx il-prezz shih tieghu ma jabbuzax minn xi diffikolta li jista' jkollu fl-oggett billi jipprova jahrab mill-obbligu tal-pagament miftiehem.

Illi minkejja l-inesattezza tad-disposizzjonijiet tal-iskrittura fuq riprodotti, is-socjeta' konvenuta tidher li ghazlet li taccettohom b'mod liberu u minghajr rizervi. Dan ma jista jfisser xejn hlief li dawn id-

disposizzjonijiet ghandhom jinghataw effett shih fl-interpretazzjoni tal-ftehim u tac-cirkostanzi li wasslu ghal vertenza odjerna.

Illi ghaldaqstant jekk l-esponent kellu jillimita l-konsiderazzjoni tieghu ghall-ftehim biss, sic et simpliciter, ikollu jasal ghas-segwenti konkluzjoni:

1. Bl-applikazzjoni tal-klawsola 2 (Set Off) fuq citata, is-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda dritt izzomm lura xi pagament dovut lis-socjeta' attrici minhabba xi pretenzjoni jew ohra. Dan sintendi japplika ukoll ghall-pretenzjoni li s-socjeta' konvenuta qajmet in konnessjoni mal-malfunzjonament tal-fridge freezer de quo.
2. Bl-applikazzjoni tal-klawsola 8 tal-istess skrittura, is-socjeta konvenuta kellha dritt titlob rimedju ghall-ilmenti taghha that garanzija moghtija lilha mis-socjeta'attrici. Dan ir-rimedju pero' kellu jigi limitat biss ghat-tiswija u sostituzzjoni tal-partijiet difettuzi tal-apparat skond il-garanzija specifika. Di piu', l-istess klawsola tipprovdi li l-bejjiegh ma jistax jinzamm responsabbli that il-garanzija jew xorta ohra, ghat-telf konsegwenzjali soffert mix-xerrej bhala rizultat ta'xi difett fl-apparat. Ghalkemm kopja ta' xi garanzija applikabbli ghall-bejgh in kwistjoni ma gietx prodotta bhala prova u ghalhekk a bazi tal-principju tad-dritt ruman "quod non est in actis non est in mundo", l-esponent jkollu jikkonkludi li dan id-dokument ma jezistix, xorta jibqa l-fatt li l-ftehim jistipola l-parametri tar-rimedji li kellu d-dritt jezercita' x-xerrej u cioe' it-tiswija u s-sostituzzjoni tal-partijiet difettuzi tal-apparat. Kombinata mal-precitata klawsola 2, din id-disposizzjoni ma thallix hafna spazju ghall-gustifikazzjoni tal-pozizzjoni mehuda mis-socjeta' konvenuta fil-kwistjoni. Rinfaccjata kif kienet minn

problema fil-fridge freezer, din ma kelliex triq ohra hlief li thallas il-bilanc tal-prezz skond il-modalita'miftehma u se mai titlob ir-rimedju applikabbli that kwalunkwe garanzija kuntrattwali li seta kien hemm (li pero' ma rrizultax mill-provi).

3. Jrid jinghad ukoll li apparti r-rimedju tal-garanzija kuntrattwali imsemmi fil-ftehim, is-socjeta' konvenuta kellha triq ohra li pero', ghal xi raguni jew ohra, ma esploratx. L-esponent hawn qed jirreferi ghall-azzjoni redibitorja jew estimatorja provduti mill-artikoli 1427 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-azzjonijiet setghu gew ezercitati mis-socjeta konvenuta indipendentement mill-garanzija imsemmija fl-iskrittura ta' bejgh relattiva u kienu certament jipprovdu rimedju effettiv u pjuttost drastiku ghall-bejjiegh f'kaz li ttiehdu tempestivament u naturalment f'kaz li d-difett latenti lamentat irrizulta kif allegat mis-socjeta' konvenuta.

Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali, l-esponent lanqas mhu sodisfatt li s-socjeta' konvenuta ppruvat li l-malfunzjonament allegat minnha kien kawzat minn xi difett fil-fridge freezer. Ghalkemm huwa minnu li George Cross, technician mas-socjeta attrici, isemmi li parti mir-raguni ghal-malfunzjonament kienet problema fit-"timer" tal-magna, l-istess Cross xehed ukoll li t-"timer" inbidel kull meta kellu bzonn jinbidel. Semma ukoll li kien innota problema fl-istivar tal-prodotti tal-ikel li kienet wasslet biex il-fridge freezer tissahhan u ma tahdimx sewwa. Filwaqt li l-esponent ftit ghandu dubbji li konfermat minn numru ta' visiti li ghamlu t-technicians tas-socjeta' attrici biex jirriparawh – m'hemmx prova cara li dawn kienu kawzati minn difett latenti serju li seta wassal biex is-socjeta' konvenuta tezercita l-actio redibitoria jew estimatorja li kienu jkunu l-unici rimedji provduti mill-ligi favur ix-xerrej barra l-

kuntest tar-rimedji kuntrattwali li, minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet ben konxja tal-possibilita' ta' tilwima legali mas-socjeta' attrici fir-rigward tal-fridge freezer, xorta ghazlet li tarmi dan l-apparat bil-konsegwenza naturali li din ma setghetx tigi ezaminata. Ghar-ragunijiet gia imsemmija, dan l-ezami kien ikun ezercizzju superfluw peress li, anke li kieku irrizulta difett fl-apparat, dan ma kienx ikun ta' ostakolu ghat-talbiet attrici mibnija kif inhuma fuq il-forza tal-kuntratti ta' bejgh relattivi. Prova ta' difett fl-apparat setghet issostni talba ad hoc kontra s-socjeta' attrici a bazi tal-"actio redibitoria" jew tal-"actio estimatoria", proceduri li fil-fatt ma gewx avvanazati mis-socjeta konvenuta.

Dwar it-talba ghall-hlas ta' Lm27.70 ghas-servizz ta' manutenzjoni.

Kif l-esponent gia kellu l-okkazjoni jirrimarka, din it-talba ma tidhirx li qed tigi kkontestata mis-socjeta' konvenuta. Ma ssir l-ebda referenza ghaliha ad hoc fl-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u lanqas fix-xhieda prodotti minnha.

Is-socjeta' attrici esebiet fattura bin-numru 52753 ghas-somma ta' Lm27.60 li tirreferi ghal Works order 13267, kopja ta' liema gie ukoll esebit a fol 9 tal-process. Dan il-Works Order jindika li x-xogholijiet ezegwiti saru fuq "Bar Counter" fil-Four Seasons Restaurant u kienu jikkonsistu fir-"reconnection" ta' mutur. Dan il-Works Order, li jindika ukoll li l-prezz tas-servizz u tal-valur tal-materjali uzati, jidher li huwa ffirmat minn persuna li ghandha x'taqsam mal-Customer u cioe' is-socjeta' konvenuta.

Peress li s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova biex tirribatti l-fattura jew il-Works Order, l-esponent ihoss li din il-parti tat-talba attrici ghandha tintlaqa.

Dwar il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta:

Is-socjeta konvenuta ittentat tostakola t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz miftiehem ghall-fridge freezer billi, kif gia inghad, allegat li l-istess apparat ma kienx jahdem sewwa u bhala konsegwenza ta' dan, hafna ikel stivat fl-istess apparat mar u kellu jigi destrutt. L-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tal-impestivita' tal-azzjoni attrici trid tiftiehem f'dan is-sens peress li l-intempestivata' fl-intavolament tal-azzjoni attrici zgur ma kienx hemm. Is-socjeta' attrici pprocediet bil-kawza taghha meta rat li z-zmien ghall-hlas tal-bilanc pagabbli ai termini tal-iskritturi ta' bejgh relattivi kien ghalaq u li s-socjeta' konvenuta ma kienitx bi hsiebha aktar thallas l-istess bilanc. Ghalkemm l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta titkellem fuq intempestivita', l-esponent jifhem li s-sustanza tal-eccezzjoni hija fil-fatt l-allegazzjoni tal-malfunzjonament tal-apparat u l-pretenzjoni tad-danni sofferti bhala rizultat ta' dan.

L-esponenet gia kellu l-okkazjoni jghid fil-kuntest tal-ftehim ta' bejgh, il-malfunzjonament tal-apparat wahdu na ntitolatx lis-socjeta' konvenuta izzomm lura l-pagament tal-bilanc kontrattat. Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tikkonsistix difiza tajba kontra t-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-bejgh.

Minn naha l-ohra, in vista tal-fatt li l-istess eccezzjoni tifforma l-mertu tal-kontro-talba ghad-danni kontra s-socjeta attrici, l-esponenti irid

jindaga u jara jekk is-socjeta' konvenuta hix intitolata ghar-risarciment tat-telf li setghet sofriet bhala konsegwenza tad-difett jew malfunzjonament tal-apparat.

L-esponent jissottometti li mill-provi, ghandu jirrizulta minghajr l-ebda dubbju li l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta hija mal fondata. Dan qed jinghad ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Is-socjeta' konvenuta naqset li ggib prova li l-malfunzjonament tal-fridge freezer lamentat kien dovut ghal xi difett jew tort tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta ghazlet li tarmi l-apparat minflok ma ppreservatu bhala prova ossia ddepozitatu fir-registru ta' din il-Qorti sabiex tesimi ruhha minn kull responsabilta' ghall-istess waqt l-andament tal-proceduri gudizzjarji. B'din l-azzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta mhux biss warrbet l-aqwa prova materjali biex issosstni l-kontro-talba taghha izda kissret ukoll wahda mill-kondizzjonijiet tal-ftehim ta' bejgh, appuntu l-klawsola numru 3 (e) tal-istess li jghid testwalment li **"…the Buyer undertakes ….(e) not to dispose of the goods in any way whatsoever…"** Ghaliex is-socjeta' konvenuta ddecidiet li tarmi l-fridge freezer meta kienet taf li kien hemm tilwima fuqu u di piu, meta kienet jew messha kienet konxja tad-disposizzjonijiet tal-ftehim, hija domanda li s-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex tirrispondi b'mod sodisfacenti.
2. Il-klawsola numru 8 tal-ftehim tal-4 ta' April (fuq citat) jezenta lis-socjeta' attrici minn kull responsabilta' ghad-danni konsegwenzjali sofferti mix-xerrej in konnessjoni ma kull difett fl-apparat ta' Refrigeration mibjugh. Din il-konnessjoni tfisser li s-socjeta' konvenuta espressament assumiet il-konsegwenza ta' kull xorta ta'

telf emergenti minn xi difett fl-apparat lilha mibjugh. La accettat din il-kondizzjoni, ghandha tirrispettaha – pacta sunt servanda.

**3.** Apparti dan kollu, is-socjeta konvenuta naqset li tressaq prova konkreta tat-telf li allegat li ssubiet. Ghalkemm fix-xhieda tieghu, Karmenu Formosa, direttur tas-socjeta' konvenuta pprometta li jippresenta prospett dettaljat tad-danni li sofriet is-socjeta' tieghu, dan qatt m'ghamlu la waqt is-seduti mizmuma mill-esponent u lanqas direttament fir-registru tal-Qorti bil-presentazzjoni ta' nota ad hoc."

Il-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament korrett tal-fatti rizultanti kif hawn fuq riportat u ghalhekk taghmel taghha l-konkluzjonijiet minnu raggunti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta kif ukoll il-kontro-talba taghha, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' Lm1000.60, kwantu ghal Lm973 bhala bilanc ta' prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal Lm27.60 prezz ta' servizz ta' manutenzjoni. Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur